**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur.**
**CHAIRPERSON**

**Rikors numru 125/2019**

**Brian Portelli (KI 88172M) u Lucienne Muscat (KI 131868M)**

**vs**

**Josephine Vella (KI 170435M)**

**Illum, 8 ta' Novembru 2022**

Il-Bord;

Ra r-rikors ta' Brian Portelli (K.I. 88172M) u Lucienne Muscat (K.I. 131868M) datat 13 ta' Gunju 2019 fejn ippremettew is-segwenti:

> "Illi l-esponenti huma s-sidien tal-fond ossia 28/4 Vincent Dimech Street, Floriana;
>
> Illi l-intimata tokkupa l-istess fond bhala d-dar residenzjali taghha taht titolu ta' kera minghand l-esponenti liema titolu

ta' kera gie stabbilit a bazi ta' titolu precedenti ta' enfitewsi li beda qabel l-1 ta' Gunju 1995 u dan skont il-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Carmel Mangion tas-16 t'Ottubru 1989 b'cens ghal zmien wiehed u ghoxrin sena (Dok 'A');

Illi l-artikolu 12B tal-Kap. 158 tal-Ligijiet ta' Malta (Ordinanza li Tnehhi l-Kontroll tad-Djar) jiddisponi, fost affarijiet ohra, illi meta persuna tkun qed tokkupa dar ta' abitazzjoni taht titolu ta' kera stabbilit abbazi ta' titolu precedenti ta' enfitewsi jew subenfitewsi li jkun beda qabel l-1 ta' Gunju 1995 permezz ta' applikazzjoni tal-artikoli 5, 12 jew 12A ta' dik il-ligi, il-kera ghandu jigi riveduta ghal ammont li ma jeccedix it-tnejn fil-mija fis-sena tal-valur liberu u frank tas-suq miftuh tad-dar ta' abitazzjoni kif tghid ahjar l-istess ligi.

Illi minkejja illi l-intimata giet interpellata sabiex tirregola l-kera skont il-ligi dan baqghat inadempjenti u ghalhekk l-epsonenti kellhom jipprezentaw dan ir-rikors.

Ghal dawn ir-ragunijiet, l-esponenti umilment jitolbu illi dana l-Onorabbli Borg jghogbu ai termini ta' l-Artikolu 12B tal-Kap 158 tal-Ligijiet ta' Malta (Ordinanza li Tnehhi l-Kontroll tad-Djar) jordna illi li l-kera pagabbli mill-intimat lill-esponenti ghal kera tal-fond ossia 56, White Lily, Ghajn Dwieli Road, Paola, u b'digriet tal-Bord tal-14 ta' Jannar 2020, il-kliem "56, White Lily, Ghajn Dwieli Road, Paola" inbidlu ghal "28/4, Vincent Dimech Street, Floriana" jigi b'effett minn nhar it-8 ta' Jannar 2019 rivedut ghal ammont li ma jeccedix it-tnejn fil-mija fis-sena tal-valur liberu u frank tas-suq miftuh ta' l-imsemmi fond fl-1 ta' Jannar tas-sena

2019 cioe' s-sena li matulha qieghed jigi pprezentat dan ir-rikors u jistabbilixxi kundizzjonijet godda fir-rigward tal-kera u dana taht dawk il-provveddiment kollha illi dana l-Onorabbli Bord jidhrulu xierqa u opportuni."[1]

Ra d-dokument anness mal-istess rikors promutur.

Ra r-risposta tal-intimata tal-14 ta' Novembru 2019 fejn wiegbet b'dan il-mod:

"1. Illi, preliminarjament, ir-rikors hekk kif ipprezentat huwa wiehed irritu u null stante li r-rikorrenti qeghdin jitolbu lil dana l-Onorabbli Bord sabiex 'jordna illi l-kera pagabbli mill-intimat lill-esponenti ghal kera tal-fond ossia 56 White Lily, Ghajn Dwieli Road, Paola' tigi riveduta skont il-Ligi mentri l-intimata ghandha b'titolu ta' kera l-fond ossia 28/4 Vincent Dimech Street, Floriana u ghalhekk it-talba hekk kif dedotta mir-rikorrenti ma tirrigwardjax lill-intimata;

2. Illi, fil-mertu l-kera hija wahda gusta li tirrispetta l-prinicipju tal-proporzjonalita' bejn l-interessi tas-sid u tal-inkwilin. Per konsegwenza t-talbiet tal-rikorrenti ghandhom jigu rigettati 'in toto';

3. Illi, l-intimata tirrileva li l-lokazzjoni 'de quo' ghandha kondizzjonijet gusti;

[1] A folio 1 tal-process

4. Illi jekk ‘gratia argomentum’, il-kirja ghandha toghla din m’ghandhiex toghla bil-massimu ta’ tnejn fil-mija (2%) tal-valur izda ferm anqas;

5. Illi l-intimata Vella tirrileva illi jkun opportun li l-Bord jistabilixxi l-prezz reali tal-imsemmi fond;

6. Illi in oltre u minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, l-intimata taqbel biss maz-zieda zghira fil-kera sakemm din tkun wahda ragjonevoli u li hi tkun tista’ thallas, anke bl-ghajnuna ta’ sussidji mill-Awtorita’ Intimata tad-Djar;

7. Salv linji difensjonali meta u hekk kif premessi minn dan il-Bord.

Daqstant l-intimata Josephine Vella ghandha l-unur li twiegeb a savju u superjuri gudizzju ta’ dan l-Onorabbli Bord.”[2]

Ra r-risposta tal- Awtorita’ tad-Djar a folio 27 tal-process fejn iddikjarat li:

“Illi l-atturi jridu qabel xejn jippruvaw it-titolu taghhom u li huma wahedhom huma s-sidien unici tal-fond.

Illi qabel xejn dan il-Bord ghandu jikkonstata jekk l-Att XXVII tal-2018 ghandhux jigi applikat ghal dan il-kaz.

[2] A folio 20 tal-process

Illi l-Awtorita' tad-Djar giet notifikata f'din il-kawza bhala amicus curiae a bazi tal-Art 4 tal-Att XXVII tal-2018; allura wkoll l-Awtorita' tad-Djar ghandha d-dritt li tippartecipa fil-kawza u jekk taghmel dan, taghmel hekk biss bhala Amicus Curiae. U ghalhekk l-Awtorita' tad-Djar anke f'dan il-kaz ma ghandhiex tbati l-ispejjez. U dan kollu purche jirrizulta li l-Att XXVII tal-2018 hu applikabbli ghal kaz in kwistjoni.

Illi jigi rilevat li f'kaz li l-inkwilin jissoddisfa t-test tal-mezzi impost bil-ligi allura il-kera ghandha tigi fissata f'ammont ta' mhux aktar minn 2% tal-valur tal-proprjeta' – imma intant il-ligi tistabilixxi kriterji biex il-Bord jigi gwidat biex jistabilixxi kera gusta. Il-ligi tghid hekk:

(5) Where the tenant meets the income and capital criteria of the means test tahe Board shall proceed according to the following sub-articles.

(6) In establishing the amount of rent payable in accordance with sub-article (1) the Board shall give due account to the means and age of the tenant and to any disproportionate burden particular to the landlord and it may determine that any increase in rent shall be gradual."

Tant ghall-eghref gudizzju ta' dana l-Bord."

Ra li fis-seduta tal-14 ta' Jannar 2020 il-Bord ordna it-test tal-mezzi tal-intimata fit-termini tal-Artikolu 12B(2) tal-Kap 158 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Bord fl-istess jum hatar lil Periti Mario Cassar u Marie Louise

Caruana Galea[3] bhala membri teknici tal-Bord sabiex jivvalutaw l-imsemmi fond.

Ra n-nota ta' Josephine Vella a folio 31 tal-process fejn ipprezentat dikjarazzjoni guramentata tal-assi taghha[4].

Ra r-rapport tal-periti teknici a folio 119 tal-process fejn irrelataw li ezaminaw il-fond *de quo* fit-18 ta' Gunju 2020. Il-periti ddikjaraw li l-fond jikkonsisti f'appartament fit-tieni sular u li l-fond la ghandu kcina u lanqas kamra tal-ikel. Il-fond jinsab fi stat tajjeb ta' manutenzjoni. Il-fond gie vvalutat mija u hamsa u tletin elf Ewro (€135,000).

Ra l-atti kollha u id-dokumenti kollha.

Ra u qies id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Sema' s-sottomissjonijiet tal-partijiet fil-5 ta' Lulju 2022.[5]

Ra illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Fatti fil-Qosor**

Ir-rikorrenti jsostnu li huma l-unici proprjetarji tal-fond ossija appartament 28/4, Triq Vincenzo Dimech, Floriana. Minn naha l-ohra l-intimata tokkupa dan il-fond bhala d-dar residenzjali taghha ghal diversi snin. Skont l-att tas-16 ta' Ottubru 1989 ic-cens annwu u temporanju kien ta' LM80 pagabbli bil-quddiem. Illum il-kirja hija ta' €349.16 fis-

[3] A folio 24 et seq. tal-process
[4] A folio 31 tal-process
[5] A folio 158 et seq. tal-process

sena pagabbli pro-rata kull sitt (6) xhur bil-quddiem.[6] Dawn il-fatti mhux kontestati mill-partijiet.

Skont stimi tal-periti teknici l-fond jiswa mija u hamsa u tletin elef Ewro (€135,000).

Ir-rikorrenti permezz ta’ din il-kawza qed jitolbu li jsir it-test tal-mezzi fuq l-intimata, awment ta’ kera sal-massimu ta’ 2% hekk kif huwa permess mill-ligi.  Irid jinghad ukoll li lejn l-ahhar tal-kawza ir-rikorrenti jidhru li qed jippretendu li l-kirja tigi terminata u jirriprendu il-fond mertu ta’ dawn il-proceduri.

**Provi**

Il-provi jikkonsistu fir-rikors tar-rikorrenti kif ukoll kopja tal-kuntratt tal-lokazzjoni tas-16 ta’ Ottubru 1989 fl-atti tan-nutar Dr. Carmel Mangion. Fir-risposta taghha l-intimata ma tikkontestax li hija l-inkwilina jew li r-rikorrenti ma humiex is-sidien tal-fond.

Xehed **Dr. Claude Sapiano** ghar-Registratur tal-Artijiet fis-seduta tad-19 ta’ Jannar 2021 fejn esebixxa certifikati tat-titolu tal-fond 28, Flat Nru. 5, Triq Vincent Dimech, Furjana.[7]

Xehed **Saviour Borg** ghan-nom tal-Ufficcju Elettorali fejn ikkonferma li l-intimata ilha tirrisjedi fil-fond Flat 5, 28, Triq V. Dimech, Furjana sa mill-1985.  Wara f’April 2019 l-indirizz inbidel ghal 28, Flat 4 Triq Vincenzo Dimech Furjana.[8]

---

[6] A folio 155 tal-process
[7] A folio 98 et seq tal-process
[8] A folio 106-107 tal-process

Xehed **Reuben Bonnici** fis-seduta tal-4 ta' Gunju 2021 ghan-nom tal-ARMS Ltd. rigwardanti kont fuq Flat 4, 28 Triq Vincenzo Dimech, Furjana li hu intestat fuq l-intimata. Ix-xhud jghid li f'dan il-flat hemm kont tal-ilma biss pero' l-intimata ghandha flat iehor bin-numru 5 u fuqu hemm kont tad-dawl ukoll.[9]

Xehdet **Josephine Vella** waqt is-seduta tal-4 ta' Gunju 2021 fejn tghid li hija rregistrata fi Flat 4, 28, V. Dimech Street, il-Furjana. Hi tghid li kienet toqghod mal-mummy taghha fi flat 5 fl-istess blokka qabel. Tispjega li flat 4 u 5 ghandhom meter tad-dawl wiehed. Tispjega li fin-number 5 toqghod ohtha u kienet hallietu l-mummy taghha bejn l-ahwa.[10] Hi tikkonferma li ma ghandhiex kcina u li tiekol ghand il-hbieb jew take-away. Tghid li l-kontijiet ta' hutha thallashom hija tad-dawl u tal-ilma ghalkemm ma jitkellmux. Fl-ahhar ittenni li ilha toqghod fil-post mal-mummy taghha hamsin sena.

**Brian Portelli** xehed permezz ta' affidavit li ipprezenta ma' nota a folio 141 tal-process fejn jasserixxi it-titolu fuq il-proprjeta' mertu ta' dawn il-proceduri. Hu jishaq li prezentement l-intimata qed thallas €349.16c fis-sena bil-quddiem. Dan il-fond ghadda ghandu ghax hu u ohtu, ir-rikorrenti l-ohra Lucienne Muscat, kienu l-eredi universali ta' missierhom Emmanuele Portelli. Hu qed jippretendi ir-ripreza tal-fond ladarba skond hu l-intimata ma kienitx qed tirrisjedi fih.[11]

Minn naha taghha l-Awtorita' tad-Djar ma gabitx l-ebda provi hlief kif diga' inghad aktar 'l fuq u wiegbet ghar-rikors promutur.

Fil-mori tal-kawza jidher li r-rikorrenti spustaw it-talba taghhom minn dik ghal awment tal-kera ghal massimu ta' tnejn fil-mija ai termini tal-

[9] A folio 131-132 tal-process
[10] A folio 135-138 tal-process
[11] A folio 142-143 tal-process

artikolu 12B tal-Kap 158 tal-Ligijiet ta' Malta ghal wahda ghal talba ta' zgumbrament. Il-Bord ser jaghmel il-kostatazzjonijiet tieghu aktar 'l isfel fuq dan. L-intimata tishaq li hija tirrisjedi fil-fond ossija Flat 4, numru 28, Triq Vincent Dimech, il-Furjana u taghti spjegazzjoni dettaljata il-ghala hija ma ghandhiex certi servizzi bhal kcina u fridge. Inoltre' hija pproduciet it-test tal-mezzi kif kien ordnat minn dan il-Bord.

**Ikkunsidra:**

Illi l-ewwel u qabel kollox il-Bord ghandu jigbed l-attenzjoni tar-rikorrenti li t-talba maghmula fir-rikors promutur hija wahda cara, ossija, talba ghall-awment tal-kera u MHUX talba ghat-terminazzjoni tal-kirja u zgumbrament tal-intimata. Dan qed jigi sollevat ghax lejn l-ahhar tal-kawza u fit-trattazzjoni tal-avukat tar-rikorrenti jghid testwalment is-segwenti:

'*L-intimata fil-fond in kwistjoni la ghandha kcina, la ghandha kamra tal-ikel, la ghandha arlogg tad-dawl u wiehed jistaqsi naturalment kif tista' tabita f'dawn il-kundizzjionijiet. Ir-raguni hija, hija semplici naturalment ghax hi fil-fond ma tabitax. F' dawn ic-cirkostanzi eh ahna nikkontendu li skont il-ligi tal-kirja ghandha tigi terminata u l-fond ghandu jigi ritornat lis-sidien.*'[12]

Fis-sentenza **Joseph Mary Cachia fil-kwalita' tieghu ta' mandatarju specjali tan-Nutar Dottor Antonio Cachia vs Argus Insurance Agencies Limited (C-597) pr et noe** (Rik. Gur. Nru. 712/2015AF) deciza fis-17 ta' Ottubru 2018 per Onorevoli Imhallef Anna Felice intqal:

[12] Sottomissjonijiet finali fis-seduta tal-5 ta' Lulju 2022.

*'Kif inghad minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza taghha tal-31 ta' Jannar 2003, fil-kawza fl-ismijiet Godwin Azzopardi vs Paul Azzopardi: 'Il-Qorti ghandha toqghod biss fuq il-kawzali u t-talba dedotta u xejn izjed'. Dan ghaliex kif inhu ben ritenuto fil-gurisprudenza taghna, Il-Qorti ma tistax tissostitwixxi talba specifika b'ohra.*

*Il-Qorti tal-Appell kellha okkazzjoni wkoll tishaq fuq dan il-punt meta fis-sentenza taghha tat-28 ta' April, 2017, fil-kawza fl-ismijiet* **l-Avukat Dr. Robert Montalto noe vs Edwin Bartolo et** *irriteniet illi:*

*'Kif qalet din il-Qorti fil-kawza Raymond Grima et vs Frank Said et, deciza fil-25 ta' Novembru, 2016:*

*Il-gurisprudenza taghna taghmilha cara li l-ebda Qorti, b' mod specjali f' kawza quddiem Qorti superjuri (a kuntrarju ta' kawza quddiem Qorti inferjuri) ma tista' twessa t-talba li tkun imressqa mill-attur. Il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fis-sentenza taghha fl-ismijiet Carmelo Cassar vs Victor Zammit insenjat illi:*

*'Hu maghruf, u anke accetta, in linea ta' principju generali, illi n-natura u l-indoli tal-azzjoni ghandhom jigu dezunti mit-termini tal-att li bih jibdew il-proceduri. Hi ukoll regola procedurali, sostnuta mill-gurisprudenza, illi l-kawzali tad-domanda ossija r-raguni guridika tat-talba, oltre li ghandha tigi mfissra car u sewwa, ma tistax tigi mibdula jew aggunta u l-Qorti ghandha toqghod ghat-talba kif tkun gie imfissra fl-att tac-citazzjoni. Dan b'mod li l-Qorti ma tistax tiddecidi fuq xi dritt iehor li jkun jirrizulta, anke ghaliex kif ritenuto,*

> *'mhux lecitu li l-kawza tigi maqtugha fuq kawzali differenti minn dik espresso fic-citazzjoni.'*[13]

Ghaldaqstant, il-Bord ser jiddecidi biss jekk l-awment tal-kera mitlub hux misthoqq jew le kif inhu mitlub fir-rikors promutur.

**Ikkunsidra:**

Illi l-ewwel zewg kriterji li jridu jissodisfaw il-Bord biex jghaddi ghat-tieni analizi tal-kunsiderazzjonijiet tieghu huma tnejn:

1. Li r-rikorrenti jridu jipprovaw li l-fond in kwistjoni huwa taghhom; u
2. Li l-intimata tirrisjedi fil-fond in kwistjoni.

Mill-provi jirrizulta li dawn gewi ppruvati mir-rikorrenti. L-intimata bl-ebda mod u manjiera ma cahdet jew ikkontestat l-istess filwaqt illi r-rikorrenti pproducew dokumentazzjoni sufficjenti dwar it-titolu taghhom fuq il-fond *de quo*.

L-istess jinghad ghall-inkwilina. Hija accettat li qed tirrisjedi fil-fond mertu ta' dawn il-proceduri u li qed thallas l-kera lir-rikorrenti u dan kif qed jippremettu l-istess rikorrenti.

**Ikkunsidra:**

Illi mid-dokumenti prezentati fir-rigward tat-test tal-mezzi jirrizulta illi d-dhul ta' Josephine Vella kien pensjoni ta' circa xxx Ewro (€xxx) fix-

---

[13] Ara ukoll l-insenjament gurisprudenzjali fuq din il-materja li hemm elenkati fil-kawza **Ufficjal Mediku Ewlieni u s-Segretarju Parlamentari tas-Sahha vs Neville Gafa'** (App. Nru. 140/2017LM) deciza mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fl-4 ta' Novembru 2020 per Onor. Imhallef Lawrence Mintoff.

xahar kif ukoll xxx Ewro (€xxx) bonus addizzjonali kull xahar. L-intimata tiddikjara li ma ghandhiex proprjetajiet u assi ohra hlief kont tat-tfaddil mal-HSBC (Malta) plc bin-numru 098-XXXXXX-050 li kien fih circa xxx Ewro (€xxx). Tghid ukoll li zzomm circa xxx Ewro (€xxx) f'kontanti d-dar taghha ghall-bzonnijiet ta' kuljum. L-intimata ghandha 'l fuq minn 87 sena.

Ghaldaqstant l-intimata Vella kkalkolat ai termini tar-Regolamenti 3(a) tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), ma taqbizx dak stipulat mir-Regolament 5(7) tal-istess Regolamenti. Ghar-rigward tal-kapital tal-intimat, ikkalkolat ai termini tar-Regolament 3(b) tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), jirrizulta li lanqas dan ma jaqbez dak stipolat mir-Regolament 6(6) tar-Regolamenti msemmija.

Illi mill-atti ma jirrizultax li tressqu ebda provi rigward applikazzjoni tar-Regolamenti 5(8) u 6(7) tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) u b'hekk, dan il-Bord ma jara ebda raguni ghalfejn ghandu jiddipartixxi mill-kriterji stabbiliti fir-regolamenti 5 u 6 appena citati.

Ghaldaqstant, Il-Bord jinsab sodisfatt li l-intimata Vella li tabita fil-fond ma teccedix il-kriterji stabbiliti bir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) u konsegwentement tissodisfa l-kriterji tad-dhul u tal-kapital tat-test tal-mezzi ai termini tal-Artikolu 4A (5) tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta.  B'hekk mhux il-kaz li ghandu japplika l-Artikolu 4A (4) tal-istess Kap hawn citat.

**Ikkunsidra:**

Illi l-valur fis-suq liberu u frank tal-proprjeta' ossija 28, Flat 4, Triq Vincent Dimech, Floriana hu ta' mija u hamsa u tletin elf Ewro (€135,000) kif stabbilit mill-membri teknici tal-Bord, hu abitabbli u f'kundizzjoni tajba. L-appartament ma jidhirx li ghandu xi problemi strutturali ghalkemm ma ghandux kcina u kamra tal-ikel.

Illi meta wiehed jigi biex jiffissa l-awment tal-kera, il-Bord irid ihares kemm l-interess tas-sid kif ukoll dak tal-kerrej u jrid jara li jinholoq bilanc gust u ekwu ghall-partijiet. F'dan is-sens ikun tajjeb li wiehed izomm quddiem ghajnejn il-principji delineati mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kaz **Carmelo sive Charles Caruana et vs Lorenza Vincenza sive Lora Zarb** deciza fit-3 ta' Frar 2021 mill-Onorevoli Imhallef Mintoff (App. Nru. 126/2018/LM).

> '*il-Qorti tikkonkludi li d-dhul fis-sehh ta' dawn l-emendi fil-ligi kienu mahsuba biex jindirizzaw u joholqu bilanc bejn il-jeddijiet tas-sidien li altrimenti kienu ser jibqghu jircievu hlas ta' kera irrizorja ghall-propjeta' taghhom wara li ilhom imcahhdin minnha snin, u l-jeddijiet tal-inkwlini li jibqghu jghixu fid-dar li ilhom snin jaghrfu bhala ir-residenza ordinarja taghhom.'*[14]

Il-Bord ghandu iqis ukoll illi ladarba s-sidien waqt il-proceduri ma wrewx u ma ppruvawx li l-kirja minnhom misthoqqha qed taghmlilhom xi differenza sostanzjali ghall-ghixien taghhom ta' kuljum, il-Bord m'ghandux ipoggi lill-inkwilina fid-diffikulta' li ma tkunx tista' tlahhaq li thallas il-kera gdida stabbilita.

[14] Is-sentenza kienet qed tanalizza l-emendi introdotti bl-Att XXVII tal-2018 u allura l-emendi introdotti wara, ossija tramite l-Att XXIV tal-2021, jimxu id f'id u fuq l-istess principji.

Minn-naha l-ohra l-intimata ghandha aktar minn 87 sena u ilha tghix f'dan il-fond ghal ghexieren tas-snin kif ukoll ghandha mezzi finanzjarji limitatissimi. Dawn il-fatti bl-ebda mod ma gew attakkati mir-rikorrenti. Ghalhekk il-Bord ser jiehu dan il-fatt ukoll in konsiderazzjoni 'l quddiem meta jigi biex jikkomputa z-zieda tal-kera.

Ghaldaqstant, il-Bord huwa tal-fehma li tenut kont tal-fatti speci ta' dan il-kaz ghandu jgholli l-kera b'1.5 % fis-sena b'effett mid-data ta' din is-sentenza, jigifieri ghal elfejn u hamsa u ghoxrin Ewro (€2,025) fis-sena.

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Bord qieghed jiddisponi mit-talba tar-rikorrenti billi Jilqa' t-talba tar-rikorrenti kif dedotta fir-rikors promutur tat-13 ta' Gunju 2019 billi jgholli l-kera mid-data ta' din is-sentenza 'l quddiem b'1.5% ghal elfejn u hamsa u ghoxrin Ewro (€2,025) fis-sena.

Kull parti tbati l-ispejjez taghha ta' dawn il-proceduri.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Reġistratur